*Konvenuti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Smulders u J.-P. Keppenne, aġenti); u Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: A. Sáinz de Vicuña Barroso, N. Lenihan u F. Athanasiou, aġenti, assistiti minn W. Bussian, W. Devroe u D. Arts, avukati)

**Suġġett**

Fl-ewwel lok, talba għall-annullament tal-punti 1.23 sa 1.27 tal-Memorandum ta' Ftehim dwar il-Kondizzjoni Ekonomika Speċifika konkluż fis-26 ta' April 2013 bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES), u, fit-tieni lok, talba għal kumpens għad-danni allegatament subiti mir-rikorrenti minħabba l-inklużjoni tal-punti 1.23 sa 1.27 tal-Memorandum ta' Ftehim f'dan tal-aħħar u minħabba ksur tal-obbligu ta' sorveljanza tal-Kummissjoni.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *A. Eleftheriou, E. Eleftheriou u L. Papachristofi huma kkundannati għall-ispejjeż tagħhom u għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).*

---

(1) ĠU C 226, 03.08.2013.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Novembru 2014 – Evangelou vs Il-Kummissjoni u Il-BĊE**

**(Kawża T-292/13)** (1)

***("Rikos għal annullament u għad-danni — Programm ta' sostenn għall-istabbiltà ta' Ċipru — Memorandum ta' ftehim dwar il-politika ta' kundizzjonalità ekonomika speċifika konkluż bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u l-MES — Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali — Rabta kawżali — Rikors parzjalment inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt")***

(2015/C 026/37)

*Lingwa tal-kawża: L-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Christos Evangelou (Derynia, Ċipru); u Yvonne Evangelou (Derynia) (rappreżentanti: C. Paschalides, solicitor, u A. Paschalides, avukat)

*Konvenuti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Smulders u J.-P. Keppenne, aġenti); u Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) (rappreżentanti: A. Sáinz de Vicuña Barroso, N. Lenihan u F. Athanasiou, aġenti, assistiti minn W. Bussian, W. Devroe u D. Arts, avukati)

**Suġġett**

Fl-ewwel lok, talba għall-annullament tal-punti 1.23 sa 1.27 tal-Memorandum ta' ftehim dwar il-politika ta' kundizzjonalità ekonomika speċifika, konkluż bejn ir-Repubblika ta' Ċipru u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) fis-26 ta' April 2013, u, fit-tieni lok, talba għall-kumpens tad-dannu allegatament imġarrab mir-rikorrenti minħabba l-inklużjoni tal-punti 1.23 sa 1.27 tal-Memorandum ta' ftehim f'dan tal-aħħar u minħabba ksur tal-obbligu ta' sorveljanza tal-Kummissjoni.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Christos Evangelou u Yvonne Evangelou huma kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).*

---

(1) ĠU C 226, 03.08.2013.